MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## ANTON DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 160/1996/2

**Carmen mart Joseph Micallef u Tessie mart Joseph Borg**

**v.**

**Radamatic Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kif korrettipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera illi permezz tieghu r-rikorrenti, wara illi ippremettew illi huwa jikri lis-socjetà Radomatic Limited il-fond 108 Mannarino Road, Birkirkara, versu l-kera ta' Lm1095 fis-sena pagabbli (Lm273.75) kull tliet xhur, prossima skadenza 1 ta' Novembru 1996; illi s-socjetà intimata kissret (*sic*) il-kondizzjonijiet lokatizji billi ghamlet xogholijiet strutturali minghajr il-kunsens preventiv tas-sidien u/jew minghajr ma tat id-debitu avviz lis-sidien; illi

*inoltre* l-istess socjetà intimata kissret il-kondizzjonijiet lokatizji meta ppermettiet li l-fond jintuza minn terzi; talbu sabiex dak il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond *de quo* u ghal dan il-fini jordna l-izgumbrament tas-socjetà intimata fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa ghal dan l-iskop;

Rat ir-risposta tas-socjetà intimata illi permezz taghha eccepiet:
Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi:-

1. *Ai termini* tal-ftehim vigenti bejn il-partijiet, is-socjetà intimata ma hijiex tenuta illi tottjeni il-kunsens preventiv tar-rikorrenti ghal xogholijiet strutturali, izda hija tenuta biss illi (a) tavza lis-sidien bil-miktub (b) tassigura li x-xogholijiet isiru skond l-arti u s-sengha u skond ir-regolamenti esistenti (c) tassigura id-direzzjoni ta’ perit u (d) tissopporti l-ispejjez relattivi kollha minghajr dritt ta’ kumpens;

2 Is-socjetà intimata debitament avzat bil-miktub lir-rikorrenti illi kienu sejrin isiru xi xogholijiet preventivament u l-istess rikorrenti accedew liberament fuq il-post biex jivverifikaw tali xogholijiet ghall-affari taghhom, minghajr ebda xkiel jew intralc;

3. F’kull kaz, u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghijiet intraprizi huma *di natura* minimi u ma jaffettwawx l-istruttura tal-fond *de quo*;

4. Minghajr pregudizzju ghall-fatt li ma hemm xejn fil-kundizzjonijiet lokatizji vigenti bejn il-partijiet li jivvjetaw li jigi permess li l-fond jintuza minn terzi, jekk ir-rikorrenti qe(gh)din jimplikaw b’xi mid, xi sullokazzjoni jew assenjazzjoni, *in parte* jew *in toto*, tali allegazzjonijiet huma ghal kollox inveritjeri u ma jikkorrispondu bl-ebda mod ghar-realtà;

Illi ghaldaqstant it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ghandhom jigu respinti kollha bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Dicembru, 2001 illi permezz taghha dina l-Qorti irrevokat is-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-hmistax (15) ta’ Novembru, 2000 u kompliet tiddisponi hekk:
“… tirrimetti l-atti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, b’ordni lill-appellanti illi jesebixxu kopja tal-ftehim tal-kirja b’nota fir-Registru tal-Bord li Jirregola l-Kera fi zmien hmistax millum, waqt li tidderiegi l-istess Bord illi jerga’ jqis il-meritu fid-dawl tal-produzzjoni ta’ dan id-dokument u jiddecidih finalment skond il-ligi. L-ispejjez ta’ dan l-appell kellhom fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.”

Rat is-sentenza moghtija fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Frar, 2005 illi permezz taghha l-Bord li Jirregola l-Kera iddecieda hekk:
“… billi s-socjetà intimata ghamlet xogholijiet strutturali minghajr debitu avviz lir-rikorrenti, il-Bord jilqa t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jergghu jiehdu f’idejhom il-fond 108 Triq Mannarino Birkirkara, ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien millum, l-ispejjez jisthallsu mis-socjetà intimata”;

u dana wara illi kkonsidra hekk:
“1. Din il-kirja hija regolata bi ftehim bil-miktub tal-31 ta’ Lulju 1977 li ghalaq fil-31 ta’ Lulju 1997 u r-rikors gie presentat fl-20 ta’ Settembru 1996. Il-Bord jista jawtorizza lis-sid li ma jgeddidx il-kirja ‘meta jaghlaq iz-zmien tal-kiri (sew jekk dan iz-zmien ikun skond il-ftehim legali skond l-uzu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza) …’. Din il-kawza twalet u ghal hekk illum il-kirja skond il-ftehim bejn il-partijiet skadiet (ara *Camilleri vs Debattista noe et*, App. mill-Bord 19/05/2004).

“2. Gie miftiehem *inter alia* li l-kerrej ikun jista’ jaghmel b’jedd

(i) alterazzjonijiet strutturali basta (a) jigu avzati s-sidien bil-miktub; (b) ix-xoghol isir skond is-sengha u r-regolamenti esistenti, (c) ix-xogholijiet isiru taht id-

direzzjoni ta’ perit, u (d) ix-xogholijiet isiru a spejjez (tal-kerrej) li ma jkollu l-ebda dritt (la matul il-lokazzjoni u lanqas fit-terminazzjoni taghha) li jitlob xi permess [*recte*: kumpens] ghalihom.

(ii) Il-kerrej a spejjez tieghu bi dritt seta jwahhal *neon lights* mal-faccata tal-fond, *neon signs* vertikali (ta’ mhux iktar minn 20 pied tul mal-faccata tal-fond sovrastanti propjetà tas-sidien).

(iii) Il-kerrej kellu l-jedd li jaghmel cessjoni imfissra bhala ‘sullokazzjoni u/jew cessjoni tal-lokazzjoni liberament lil erba’ kumpaniji fosthom *Radamatic Limited* (*in formation*)’.

(iv) Cessjonijiet ohra setghu isiru taht certi kundizzjonijiet.

“3. Zewg ir-rikorrenti Borg fl-*affidavit* jghid li l-kirja hi fuq *Radamatic Limited* skond il-ftehim fuq imsemmi. Meta dahlet fil-post fl-1995 inqalghu ‘l-armaturi u s-soffitt tas-saqaf’. Iddahhlet merkanzija konnessa ma *computers* li baqghet hemm ‘bosta xhur’. Dan sar minghajr il-kunsens tas-sidien. Saru xogholijiet strutturali fil-fond ‘mhux biss … minghajr il-kunsens taghna izda sahansitra minghajr il-permess tal-bini’ minghand l-Awtorità ta’ l-Ippjanar’.

“4. L-istess xehed Joseph Micallef, ir-ragel tar-rikorrenti l-ohra.

“5. Ir-rapprezentant ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar imressaq mir-rikorrenti stqarr li kienet saret applikazzjoni minn Carmel Calleja f’isem is-socjetà intimata fejn dan iddikjara li hu l-propjetarju, fit-22 ta’ Dicembru 1995. Intalab li tinbidel il-faccata u l-permess inhareg fl-10 ta’ Ottubru 1996. L-avukat tar-rikorrenti b’ittra tat-23 ta’ Dicembru 1996 gharraf lill-Awtorità li s-sidien ma kienux taw l-ebda permess biex isir tibdil strutturali fil-fond (fol 27). Wara dan ir-rapport l-Awtorità kitbet lill-perit tas-socjetà intimata biex fi zmien tlett (3) xhur ‘*submit proof of ownership of premises*’ (fol 19). Fit-18 ta’ Frar 1997 (ix-xhud deher

quddiem il-Qorti l-ghada) wiegbu f'isem l-applikant l-avukat u l-perit tieghu. Ix-xhud ha 'hsieb illi l-*file* jerga' jmur ghand id-DCC peress illi jidher li hemm dubji serji dwar id-dikjarazzjoni tal-propjetà da parti ta' l-intimat' (fol 17). Issottometta pjanti ta' kif kien il-fond u ghal xiex intalab permess: '*oltre* il-kambjamenti interni, strutturali, kien hemm ukoll … applikazzjoni halli tinbidel il-faccata'.

"6. Carmelo Calleja li ghandu l-ishma tas-socjetà intimata jghid
dwar xoghol li ghamel fil-fond u permess lill-Awtorità ta' l-Ippjanar biex 'niksi l-faccata kollha bl-irham' (fol 30).

Izid

'Ghal dawn ix-xogholijiet jiena ma tlabtx permess tas-sidien, avzajthom biss, ghaliex fil-kuntratt ta' lokazzjoni hemm li kont awtorizzat naghmilhom.

Ktibt ittra lis-sidien fejn avzajthom li ser naghmel dawn ix-xogholijiet izda jiena ma zammejtx kopja ta' din l-ittra … ghax deherli li ma kellix ghalfejn inzomm' (*ibid*).

"Jghid ukoll li rceva ittra minghand l-avukat tar-rikorrenti, fuq il-post kellu bennej, is-sidien gew jaraw ix-xoghol u kellmuh dwar katusa (fol 31). Qatt ma ceda l-kirja imma bi pjacir ghal socjetà ohra zamm xi *container* ta' ditta Germaniza li kienet tahmel *programming* tal-*computers*. Zammomlhom ghal erba' xhur (fol 31-32).

Is-socjetà intimata gabet bhala xhud lil Albert Stagno Navarra li hu msieheb fl-ufficcju tal-perit Giordemaina Medici, il-perit li jsemmi Calleja li ghandu kumpanija *Afrot*. Kumpanija Germaniza xtrat propjetà mill-ufficcju tax-xhud u il-perit. Gie inkarigat Calleja biex jaghmel ix-xoghol. Dam ma tlesta u Calleja kellu jzomm ghal xi sitta/seba' xhur affarijiet li jintuza[w] f'ufficcju. Calleja ma [t]hallasx ghax kien htija tieghu li ma kienx tlesta x-xoghol (fol 39-40).

Carmelo Calleja rega xehed fis-seduta tat-<u>22 ta' Ottubru 1997</u> dwar il-hazna tal-makkinarju li saret imma l-ftehim

ma Stagno Navarra kien li jekk johrog il-permess ghall-faccata ma jzommx l-affarijiet izjed. Dwar l-applikazzjonijiet lill-Awtorità ta' l-Ippjanar jghid li kienu ghal 'dekorazzjoni fuq il-faccata u biex naghmel *partition* fuq gewwa biex ikolli iktar *storage* (fol 41). Jerga jghid li lis-sidien gharrafhom bil-miktub qabel ma talab il-permess. Sar zball mill-perit tieghu meta gie dikjarat li hu l-propjetar[j]u tal-fond. Kitbu lill-Awtorità x'kien gara u hariglu l-permess tal-<u>21 ta' Ottubru 1997</u>. L-ispjegazzjonijiet kien tahom qabel ma xehed ir-rappresentant ta' l-Awtorità (ara para 4).

"7. Jirrizulta li s-socjetà intimata ghamlet xogholijiet strutturali fil-fond. Saret applikazzjoni fit-22 ta' Dicembru 1995 lill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Carmelo Calleja f'isem *Radamatic Ltd* iffirma is-*certificate of ownership* (fol 24)

*I certify that*

*Nobody except the applicant is the owner of any part of the land to which the application relates and which is shown in red on site plan accompanying the application*. (hemm ukoll firma ohra ta' Carmelo Calleja).

"Il-permess hareg wara l-presentata tar-rikors (fl-20 ta' Settembru 1996) fl-10 ta' Ottubru 1996. Ix-xogholijiet saru qabel ma hareg il-permess. Skond il-ftehim, is-socjetà intimata setghet taghmel bdil strutturali basta:

(1) jigu avzati s-sidien bil-miktub

(2) ix-xoghol isir skond is-sengha u r-regolamenti esistenti

(3) ix-xogholijiet isiru taht id-direzzjoni ta' perit.

"Is-sidien jghidu li x-xogholijiet saru minghajr il-kunsens taghhom. L-intimat jghid li baghtilhom ittra li hu jghid li ma ghandux kopja taghha. Il-Bord gha[n]du quddiemu kopja ta' dokument ufficjali fejn Calleja ffirma bhala proprjetarju. Ghandu n-nuqqas ta' taghrif dwar din l-ittra. Jghid li 'l-indikazzjoni fl-applikazzjoni ma l-Awtorità tal-

Ippjanar fejn gie dikjarat illi l-kumpanija intimata hija sid il-post, kien zball tal-perit … infatti wara l-ispjegazzjonijiet li tajt sussegwentement nista nghid l-bierah stess (21 ta' Ottubru 1997) nhareg il-permess biex isiru ix-xogholijiet li jiena tlabt li naghmel'. X'inhuma l-ispjegazzjonijiet ma jghidx kif ma tellax jixhed lill-perit biex almenu jghid li ha zball. Il-Bord ma jifhimx kif bniedem fin-negozju jaqbad u jaghmel dikjarazzjoni bl-addocc fejn hemm implikazzjonijiet serji ghas-sidien u jistghu jittiehdu passi kontrihom mill-Awtorità. L-intimat jallega li s-sidien kienu jafu u sahansitra kellmuh fuq katusa. Jghid ukoll li rceva ittra minghand l-avukat tar-rikorrenti.

F'dan l-isfond, il-Bord (li kif presedut ma semax ix-xhieda hu) jasal ghall-konkluzjoni li Calleja ma avzax lis-sidien. Barra dan ghamel ix-xoghol qabel ma hargulu l-permessi u wkoll kiser il-kundizzjoni li x-xogholijiet isiru skond ir-regolamenti esistenti. Qabel ma johrog permess ma jistax jinghad li x-xoghol ser isir skond is-sengha. La ma inghatax avviz, ma jistax jinghad li kien hemm xi kunsens, tfis[s]er xi tfisser l-iskrittura.

"Il-ftehim jikkontempla c-cessjoni u/jew ic-cessjoni tal-kirja. Din il-kundizzjoni ma jirrizultax li nkisret. Billi l-kerrej ihalli lil haddiehor jaghmel uzu flimkien mieghu ta' post ma jkunx qed jissulloka jew icedi l-kirja. Huwa minnu li l-Kap 69 ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn trasferiment qasir jew twil, onorus jew gratuitu (ara *Cutajat vs Schembri* (App 7/10/96) izda 'hu car u ovvju li s-sid li jrid jipprova dak li jallega u cioè li l-inkwilin bla kunsens tieghu ssulloka l-fond jew ceda l-kirja tieghu u tali ma hix bizzejjed li tkun indizju jew probabiltà. Jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment li l-inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt juzufruwixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u li kien ghadda dawn l-istess drittijiet komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lil haddiehor. Is-sid allura jrid jipprova konvincentement illi l-inkwilin ma kienx zamm ghalih b'mod reali u mhux fittizju l-kirja u li konsegwentement ma jkunx ihossu anke responsabbli ghall-oggett lokat versu s-sid (*Theuma et vs Mercieca* App 20/02/1996).

Il-prova ma saritx u t-talba fuq dik il-kawzali qed tigi michuda.”

Rat ir-rikors ta’ appell tas-socjetà intimata illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet hekk:
“… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet fuq premessi u tichad it-talba tar-rikorrenti appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti appellati”;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti appellati illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjes kontra s-socjetà intimata appellanti;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà intimata kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti (fol. 150):
1. Fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“Fl-ewwel lok, ghandu jirrizulta bir-rispett, illi s-sentenza *de quo* hija nulla in kwantu mankanti minn motivazzjoni effettiva, kif rikjest [fl-artikoli] 23 u 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi l-istess sentenza giet reza mhux gusta fis-sustanza taghha kif kontemplat fis-sens ta’ l-Artikolu 790 tal-istess Kap. 12”;

2. Ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“Fit-tieni lok, l-apprezzament maghmul mill-Bord in Prim’Istanza huwa mankanti, f’partijiet ghal kollox, fil-punti fejn kellu jsir u jsemmi kunsiderazzjonijiet illi huma effettivament estranei ghal fattispecji tal-kaz”;

Ikkunsidrat:

Illi, sabiex issostni l-ewwel (1) aggravju taghha, is-socjetà intimata appellanti tissottometti hekk fir-rikors ta' appell (fol. 151):

"L-istess artikolu (E) citat [*i.e.* il-kondizzjoni (E) ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni a fol. 107 sa 109] jesigi però illi s-sidien jigu avzati bil-miktub, dwar dan il-Bord *sic et simpliciter* jghid biss '*f'dan l-isfond il-Bord (li kif presedut ma semax ix-xhieda hu) jasal ghall-konkluzjoni illi Calleja ma avzax lis-sidien*' dan il-kumment illi jidher illi jifforma effettivament il-bazi innifisha tas-sentenza kif johrog mid-*decide* ta' l-istess huwa bir-rispett assolutament priv minn kwalsiasi motivazzjoni, ragunament jew l-icken kunsiderazzjoni gustifikanti. Imkien fis-sentenza ma l-Bord jispjega jew jiccara kif, ghaliex jew a bazi ta' xiex wasal ghal din il-konkluzjoni. Id-*decide* tibda testwalment bil-kliem '*Ghalhekk billi s-socjetà intimata ghamlet xogholijiet strutturali minghajr debitu avviz lir-rikorrenti il-Bord jilqa' t-talba …*'. Hawn ukoll bir-rispett ma nsibu ebda motivazzjoni jew spjegazzjoni. Jigi sottomess bir-rispett illi l-assenza assoluta ta' motivazzjoni biex tiggustifika d-decizjoni moghtija hija fiha nnifisha, apparti kull kunsiderazzjoni ohra, gustifikazzjoni cara ghar-revoka tas-sentenza relattiva" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti taqbel mal-kontenzjoni tas-socjetà appellanti illi l-kliem, minnha citat mis-sentenza appellata, "F'dan l-isfond, il-Bord … jasal ghall-konkluzjoni li Calleja ma avzax lis-sidien" huma "effettivament il-bazi innifisha tas-sentenza kif johrog mid-*decide* ta' l-istess" izda ma taqbilx ma' l-asserzjoni ta' l-istess socjetà illi "dan il-kumment … huwa … assolutament priv minn kwalsiasi motivazzjoni, ragunament jew l-icken kunsiderazzjoni gustifikanti". F'dan ir-rigward, fil-fehma ta' dina l-Qorti, huma sinjifikattivi hafna l-kliem adoperati fis-sentenza appellata "F'dan l-isfond". Infatti, x'inhu dan l-isfond? Huwa ir-rassenja tal-provi prodotti maghmula fil-partijiet enumerati minn tlieta (3) sa sitta (6) tas-sentenza appellata (fol. 139 sa 142) u - dak illi huwa aktar importanti - il-kunsiderazzjonijiet maghmula fil-parti enumerata sebgha (7) ta' l-istess sentenza (fol. 143 u 144), senjatament il-paragrafu illi jibda bil-kliem "Is-sidien jghidu li x-xogholijiet …" (*a calce* ta' fol. 143). Ta' importanza kardinali ghall-

finijiet ta’ l-aggravju in ezami huma l-kliem illi jinsabu fl-ahhar imsemmi paragrafu tas-sentenza appellata: “Il-Bord … Ghandu n-nuqqas ta’ taghrif dwar din l-ittra”. Dina l-Qorti hija konvinta illi “din l-ittra” hija dik illi s-socjetà appellanti, *tramite* x-xhud Carmelo Calleja, tallega illi baghtet lir-rikorrenti, jew ahjar, lis-sidien tal-fond *de quo*, sabiex tavzahom preventivament bix-xogholijiet illi kien fi hsiebha tesegwixxi fl-istess fond. Dina l-Qorti hija konvinta ukoll illi dak illi kien qed jafferma l-Bord li Jirregola l-Kera, permezz tal-kliem appena citat mis-sentenza appellata, huwa illi ma mill-provi prodotti ma tirrizultax prova konvincenti u konkludenti illi l-imsemmija ittra giet spedita mis-socjetà intimata lir-rikorrenti. Din hija motivazzjoni sufficjenti sabiex tissodisfa l-vot ta’ l-artikolu 218 tal-Kap. 12, abbinat ma’ l-artikolu 23 ta’ l-istess Kap. 12;

Konsegwentement, l-ewwel (1) aggravju tas-socjetà appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju tas-socjetà appellanti, fis-sostanza, jammonta ghal sottomissjoni illi l-Bord li Jirregola l-Kera ghamel apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Illi huwa risaput illi qorti tat-tieni (2) grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul minn qorti jew tribunal ta’ l-ewwel (1) grad, purkè ma tirrizultalhiex raguni serja sabiex taghmel hekk. Fil-kaz odjern, dina l-Qorti, wara illi ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti taqbel ma’ l-apprezzament ta’ dawn il-provi maghmul fis-sentenza appellata illi wassal lill-Bord li Jirregola l-Kera illi jilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-pussess tal-fond *de quo* wara illi ikkonkluda korrettement illi “s-socjetà intimata ghamlet xogholijiet strutturali minghajr debitu avviz lir-rikorrenti”;

Ghalhekk, anqas it-tieni (2) aggravju tas-socjetà appellanti ma huwa fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjetà intimata appellanti u billi tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu stabbilit ghall-fini ta' l-izgumbrament ghandu jibda jiddekorri mill-lum;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mis-socjetà intimata appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------